*- liġijiet tal-kera*

*- ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija tal-proprjeta'*

*- Applikabilita' ta' liġi minflok oħra li tkun ġiet iċċitata fir-rikors promotur*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Lulju 2022**

**Rikors Nru. 680/2021 GM**

**Reginald u Maria Aurora konjuġi Fava**
**(K.I. 681933M u 331238M rispettivament),**
**Rosette armla minn Richard Pace Axiaq (K.I. 472966M),**
**Stephanie Bezzina Wettinger (K.I. 69672M),**
**Martin Bezzina Wettinger (K.I. 472966M),**
**Carmen mart Benigno Zammit (K.I. 699637M),**
**Josephine Tabone (K.I. 20743G),**
**Orland Bonavia (K.I. 278470M) f'ismu proprju u bħala mandatarju**
**tal-assenti Kevin Bonavia (K.I. 279669M),**
**Stefania armla minn Paul Bonavia (K.I. 115567M),**
**Duncan Bonavia (K.I. 501374M),**
**Josephine armla minn Paul Bonavia bħala usufruttwarja**
**tal-mejjet Paul Bonavia (K.I. 132739M)**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Reginald Fava et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

***1.*** Ir-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond bin-numru **43A, Flat 5, St.Paul's Buildings, West Street, Valletta** li huma akkwistaw mingħand il-mejta ġenituri tagħhom u n-nanniet tagħhom John u Paul aħwa Bonavia.

***2.*** John Bonavia huwa missier Aurora Fava u Rosette Pace Asciak waqt li l-atturi l-oħra huma d-dixxendenti ta' Paul Bonavia.

***3.*** John u Paul Bonavia mietu aktar minn 30 sena ilu u għalhekk m'hemmx ħtieġa għal produzzjoni tas-suċċessjoni tal-istess li ġiet debitament dikjarata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

***4.*** Il-proprjeta' baqgħet in komun bejniethom sal-lum tant li l-atturi Aurora Fava u Rosette Pace Asciak għandhom ½ indiviż tal-fond imsemmi waqt li l-atturi l-oħra għandhom ½ indiviż l-ieħor.

***5.*** Il-fond kien mikri lill-ġenituri tal-mejta Maria Perici u r-Reverndu Kanonku Francis Perici, bil-kera ta' Lm45 fis-sena pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem, kull 16 ta' Lulju, kull 16 ta' Ottubru, kull 16 ta' Jannar u kull 16 ta' April ta' kull sena.

***6.*** B'rikors preżentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, Rikors Nru. 163A/88, fl-ismijiet Maria Perici et vs Mary Bonavia, deċiża fl-14 ta' Mejju 1992, Maria Perici (llum mejta) u ħuha r-Reverendu Kanonku Francis Perici, ppremettew li m'għandhomx jħallsu kera awmentat ta' Lm90.00ċ fis-sena, stante illi x-xogħlijiet li saru fil-partijiet komuni ma sarux bil-kunsens tagħhom, ma kienux approvati minnhom, u għalhekk ma kellhomx jħallsu l-ebda awment.

***7.*** It-talbiet tal-aħwa Perici ġew milqugħa mill-Bord li Jirregola l-Kera skont is-Sentenza tal-14 ta' Mejju 1992 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala ***"Dokument A"***.

***8.*** B'rikors nru. 83/99A, preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Paul Bonavia vs Mary Perici, l-atturi talbu awment fil-kera għax dan kien baxx ħafna, liema talba ġiet miċħuda mill-Bord b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2001.

***9.*** Ir-rikorrenti talbu diversi drabi għal awment ta' kera xieraq, kemm minħabba xogħlijiet minnhom intrapriżi, kif wkoll minħabba l-fatt li l-kera kien baxx, liema talbiet ġew miċħuda mill-Bord li Jirregola l-Kera.

***10.*** Wara l-mewt tal-ġenituri tal-aħwa Perici, u ta' Maria Perici, l-fond waqa` f'idejn ir-Reverendu Kanonku Francis Perici, li llum pero jinsab rikoverat fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara.

***11.*** Dan il-fond kien ilu mikri s-snin, għal fuq aktar minn sebgħin (70) sena lill-familja Perici, u kienu fi stadju ta' rilokazzjoni biex b'hekk il-kirja kienet regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma kienx jagħti awment għall-kera ħlief f'sitwazzjonijiet ristretti ħafna.

***12.*** Kif jirriżulta mill-istess sentenzi fuq referiti, *"Dokument A"* u *"Dokument B"*, l-aħwa Perici kienu jħallsu kera rriżorja għall-fond in kwistjoni, liema kera ma setgħatx tiġi awmentata, minkejja diversi tentattivi mir-rikorrenti.

***13.*** Għalhekk għad li huwa minnu li r-rikorrenti baqgħu titolarji u proprjetarji tal-fond de quo, ġie impost fuqhom *'landlord / tenant relationship'* u fil-verita' l-aġir huwa esproprjazzjoni *de facto* u dan ikkrea preġudizzju sproporzjonat u eċċessiv fuq l-esponenti bi ksur tal-Ewwel Protokoll tal-Artikolu Wieħed tal-Konvenzjoni Ewropea kif ġia ġie stabbilit fil-kawża *"**Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" deċiża fis-26 ta' Dicembru 2006 u "Gerald Montanaro Gauci vs MALTA" deċiża fit-30 ta' Awwissu 2016.***

14. Illi għad illi l-istat għandu marġini ta' diskrezzjoni wiesgħa biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, huwa għandu pero` jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilħaq, ikun hemm proporzjon bejn il-piż li jrid ibati s-sid li fuq il-proprjeta` tiegħu toħroġ l-ordni ta' rekwiżizzjoni u l-interess għas-soċjeta` in ġenerali u li b'din l-inġerenza s-sid ma jkunx assoġġettat għal *disproportionate burden.* Illi l-każ odjern huwa iktar ġravuż stante illi l-familja Perici kellhom diversi proprjetajiet madwar Malta.

***15.*** Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa` kellha okkazjoni tikkummenta f'każi li rrigwardjaw lil Malta li għalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, li ndividwu jiġi privat mill-użu liberu tal-proprjeta' għal ħafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawża ***"Ghigo vs Malta", deċiża fis-26 ta' Settembru 2006****,* il-Qorti sabet li jeżisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni għaliex ir-rikorrenti ġie privat mill-proprjeta' tiegħu tnejn u għoxrin (22) sena qabel u kien jirċievi ħamsa u ħamsin (55) Euro fis-sena bħala kera. Fis-sentenza ***"Fleri Soler et vs Malta", mogħtija fl-istess data***, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ġie leż u allura qalbet

sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif ġara wkoll fil-kawża ta' ***"Franco Buttigieg & Others vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2018 u "Albert Cassar vs Malta" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018.***

**16.** Fil-kawża surreferita ***"Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" l-***Qorti qalet "*Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a "legitimate aim" in the "general interest", but there must also be '**a reasonable relation of proportionality**' between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual`s property. That requirement is expressed by the notion of a "**fair balance**" that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights.*"

**17.** Fil-każ *de quo* ċertament li ma kienx hemm dan il-*fair balance* jew *a reasonable relation of proportionality* u dan minkejja li sat-terminazzjoni tal-kirja, l-aħwa Perici kienu qed jħallsu €209.00ċ kera fis-sena, kif awmentat bl-Att X tal-2009, u dan minkejja li l-valur lokatizju fis-suq huwa ferm aktar.

***18.*** Fil-fatt, reċentement, r-rikorrenti waslu fi ftehim mal-familja Perici fejn dawn tal-aħħar irrilaxxaw il-fond in kwistjoni skont skrittura hawn annessa u mmarkata bħala ***"Dokument C",*** u dan fit-28 ta' Marzu 2020.

19. Għalhekk ir-rikorrenti sofrew danni tal-okkupazzjoni tul iż-żmien mill-familja Perici minħabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li din il-kirja li kienet ġiet mogħtija lill-ġenituri ta' Maria Perici u l-Kanonku Francis Perici intirtet mill-istess aħwa Perici, u r-rikorrenti minkejja d-diversi litigazzjonijiet mal-istess familja Perici għall-iżgumbrament tal-istess fond, setgħu jieħdu pussess tal-istess fond biss wara l-mewt tas-superstiti tal-aħwa Perici.

20. Minkejja dan, huma tilfu tul iż-żmien krejjiet konsiderevoli tal-fond in kwistjoni minħabba l-operazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat bl-Att X tal-2009, stante illi ma kienux qed jirċievu kumpens xieraq għall-proprjeta` li huma kellhom skont il-valur lokatizju tal-fond tul iż-żmien.

21. Ir-rilokazzjoni tal-fond fuq msemmi lill-famlija Perici li kienet regolata bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att X tal-2009 illediet id-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti stante li huma kienu f'impossibilita' biex jirċievu kumpens xieraq għal ħwejjighom skont il-valur tal-proprjeta' li huma kellhom tul iż-żmien, liema danni kienu konsiderevoli, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u liema danni għandhom jiġu kwantifikati mill-istess Qorti u li tagħhom ir-rikorrenti qed jitolbu r-riżarċiment.

**22.** In vista tal-każistika surreferita, saħansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ċertament li ma hemm ebda dubju li din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeċiedi l-kawża odjerna billi ssib illi r-rikorrenti nkisrilhom id-dritt fundamentali tagħhom sanċit bl-imsemmi Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u minħabba l-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009.

23. Għalhekk huma għandhom jirċievu l-kumpens mingħand l-Avukat tal-Istat talli l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li kien jirregola r-relazzjoni ġuridika bejn is-sid u l-inkwilin ma kienx iħalli lill-istess sidien jieħdu pussess lura ta' ħwejjighom wara t-terminazzjoni tal-lokazzjoni kontrattwali mifthema bejn l-antekawża tal-atturi mal-familja Perici, sat- 28 ta' Marzu 2020, u dan għal perijodu ta' ċirka 75 sena.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-okkupazzjoni tal-kirja tal-fond 43A, Flat 5 St. Paul's Buildings, West Street, Valletta, mill-familja Perici kienet tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-kera irriżorja li huma kienu jħallsu bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att X tal-2009, liema kera sat-terminazzjoni tal-kirja ma kinitx aktar minn €210.00ċ fis-sena.

II. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att X tal-2009, li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak ta' l-inkwilin, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

III. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Liġi.

IV. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni hekk kif likwidati ai termini tal-Liġi.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jridu jġibu prova ċara tat-titolu ta' kull wieħed u waħda minnhom fuq il-fond in kwistjoni;

2. Fl-istess vena, ir-rikorrenti jeħtiġilhom jipprovaw li l-familja Perici, u ċoè l-aħwa Maria u r-Reverendu Kanonku Francis Perici u qabilhom il-ġenituri tagħhom, kienet tgawdi minn kirja li tiġġedded skont il-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Safejn ir-rikorrenti qed jattakka t-tħaddim tal-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009** fuq is-saħħa tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, it-talbiet tar-rikorrenti huma irreċevibbli fit-termini tal-**artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni** stante illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien fis-seħħ qabel Marzu 1962 u stante li l-Att X tal-2009 jemenda l-Kodiċi Ċivili li kien fis-seħħ qabel Marzu 1962. Għaldaqstant la l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas l-Att X tal-2009 ma jistgħu jkunu soġġetti għall-applikazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

4. Sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, jingħad li dan l-artiklu ma jisax jiġi invokat mir-rikorrenti biex jilmentaw dwar kull perjodu fejn huma ma kellhomx jew m'għandhomx titolu fuq il-fond, inkluż il-perjodu wara li l-kirja intemmet ċoè fit-28 ta' Marzu 2020 skont l-iskrittura privata annessa mar-rikors promotur bħala Dok. C. F'kull każ ir-rikorrenti ma tistax tilmenta dwar kull perjodu qabel it-30 ta' t'April 1987. Dan qed jingħad għaliex skont l-**Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta**, ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin;

5. Bla ħsara għal dan kollu, l-ilment tar-rikorrenti sa fejn hu msejjes fuq l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, u t-talbiet kollha relatati miegħu, għandhom jiġu miċħuda wkoll peress illi skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jiddentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Sewwasew fil-każ preżenti l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 għandu (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi, (ii) huwa fl-interess ġenerali għaliex irregolarizza sitwazzjoni ta' natura soċjai fl-ambitu tal-ġid komuni, u (iii) jżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-inkwilin u tal-poplu b'mod ġenerali. Jiġi b'hekk li l-esponent ma jarax kif il-**Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-Att X tal-2009** jistgħu jitqiesu li jmorru kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

6. Inoltre, mhuwiex minnu li jgħidu r-rikorrenti li l-kera ma setgħetx tinbidel. Bis-saħħa tal-**Att X tal-2009 kif emendat bl-Att V tal-2010**, mill-1 ta' Jannar 2013 il-valur tal-kera beda jogħla kull tliet snin skont l-Artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) b'dan illi kull allegazzjoni li r-rikorrenti soffrew piż disproporzjonat hija infondata u insostenibbli;

7. Apparti minn hekk, proprju f'dan il-każ żgur ma jistax jingħad li r-rikorrenti rċevew kirja irriżorja għax skont l-iskrittura privata tat-28 ta' Marzu 2020, annessa mar-rikors bħala Dok. C, l-okkupant tal-post in kwistjoni mhux talli ħallas il-kirja kollha li kien fadal iżda ħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) "in full and final settlement" biex b'hekk ċedew proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera nru. 109/2015. Ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw minn leżjoni tad-drittijiet tagħhom minħabba kirja allegatament irriżorja meta huma laħqu ftehim mal-inkwilin biex dan iħallashom somma b'kumpens għat-talba tagħhom biex togħla l-kirja;

8. Għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li l-ilmenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità u dwar id-diffikultà tagħhom sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond tagħhom mhumiex ġustifikati għaliex ma hemm l-ebda ksur tal-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, b'dana li kull talba konsegwenzjali marbuta ma' dan l-artikolu mhijiex mistħoqqa;

Rat li b'verbal tagħha tat-12 ta' Lulju 2021, ħatret lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex tikkonstata l-valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni mill-11 ta' Awwissu 1987 sat-28 ta' Marzu 2020 b'interventi ta' ħames snin.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2022.[2]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-patijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

Mid-dokumenti li r-rikorrenti esebew, juru li tassew għandhom dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. L-aħwa John u Paul Bonavia akkwistaw il-fond in kwistjoni permezz ta' kuntratt tat-30 ta' Jannar 1928.[3] Ir-

[1] Fol 65
[2] Fol 71
[3] Dok RF1 a fol 10

rikorrenti wirtu l-fond numru 43A, Flat 5, St.Paul's Buildings, West Street, Valletta mingħand il-ġenituri u n-nanniet tagħhom John u Paul aħwa Bonavia. Ir-rikorrenti Aurora Fava u Rosette Pace Asciak għandhom nofs indiviż tal-fond imsemmi, filwaqt li r-rikorrenti l-oħra għandhom in-nofs indiviż l-ieħor. Huwa minnu li ma nġabux provi dokumentarji dwar kif saru sidien ir-rikorrenti Stephanie u Martin it-tnejn Bezzina Wettinger. Għal dan in-nuqqas iżda, għall-finijiet ta' din il-kawża, jibbasta l-affidavit tar-rikorrent l-ieħor Reginald Fava.

Dan il-fond ilu mikri għal aktar minn sebgħin sena lill-familja Perici li kienu jħallsu Lm45 (€105) fis-sena. Skond deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Marzu 2001[4] li esebew ir-rikorrenti stess, jidher li dan il-fond ġie rekwiżizzjonat fis-17 ta' Jannar 1948 imma ġie derekwiżizzjonat fl-1948/1949.

Permezz ta' skrittura datata 28 ta' Marzu 2020, sar ftehim bejn ir-rikorrenti u l-familja Perici fejn dawn tal-aħħar irrilaxxjaw il-fond in kwistjoni.[5]

Ma ġie esibit l-ebda ftehim tal-kirja. . Fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2001, esibita mir-rikorrenti a fol 54, il-Bord iddeċieda li kien applikabbli l-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta (li japplika għal fond iddekontrollat) - u mhux skond il-Kap 69, li huwa r-reġim legali li r-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom. Fl-assenza tal-aħjar prova, il-Qorti sejra tistieħ fuq il-preżunzjoni li l-Bord kien korrett fir-raġunament u fil-*finding of fact* tiegħu u li għalhekk fil-fatt għandu japplika l-Kap 158 u mhux il-Kap 69.

**Kapitolu tal-Liġi skorrettement indikat:**

[4] Fol 54
[5] Fol 51

L-Avukat tal-Istat iqajjem id-doljanza li r-rikors promotur jistrieħ fuq premessa żbaljata (applikazzjoni tal-Kap 69 minflok il-Kap 158) u għalhekk għandu jiġi miċħud.

B'danakollu, il-proċeduri għall-ħarsien ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem, improprjament imsejjħin "kostituzzjonali" fil-prattika forensi tagħna, huma differenti minn dawk ta' kawżi ċivili ordinarji bejn soġġett tad-dritt privat u ieħor, u saħansitra differenti minn kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv tal-Istat jew organi tiegħu, li, bħall-kawżi "kostituzzjonali" isiru minn soġġett tad-dritt privat kontra l-Istat. Dan għaliex kuntrarjament għat-tipi ta' kawżi l-oħrajn, kawża "kostituzzjonali" ma tinfetaħx permezz tal-proċedura ordinarja tar-Rikors Ġuramentat ikkontemplata fil-kodiċi ritwali, imma b'Rikors sempliċi.

Kuntrarjament għall-proċedura ordinarja, il-proċedura tar-rikors hija waħda sommarja u flessibbli. M'hemmx ġurament; biżżejjed espożizzjoni fil-qosor tal-fatti; ma hemmx bżonn tingħata r-raġuni tat-talba; ebda difett fir-rikors ma jwassal għannullita`; ir-Reġistratur ma jistax iwaqqfu milli jiġi ppreżentat; il-Qorti tkun tista' ssewwih. Ir-Reg. 3(5) ma jagħmel l-ebda limitazzjoni għas-setgħa tal-Qorti li ssewwi żball jew nuqqas, kuntrarjament għall-Art. 175 tal-Kap 12 li jiprojbixxi tibdil li jinvolvi bdil fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet. Ir-Reg. 3(5) għalhekk, billi huwa liġi speċjali, jidderoga mid-disposizzjonijiet tal-Art. 175. Reg. 7 ineħħi kull dubju f'dan ir-rigward, għaliex jgħid li ddispożizzjonijiet tal-kodiċi ritwali japplikaw, mutatis mutandis, biss fin-nuqqas ta' dispożizzjoni differenti fl-istess Regoli.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawża **Bartolo v Aġent Reġistratur tal-Qrati**[6] , siltet, mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, il-prinċipju li f'kawżi dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali:

[6] Edwin Bartolo v Aġent Reġistratur tal-Qrati 15.02.1991 LXXV.i.84 Qorti Kostituzzjonali.

> “Fi proċeduri kostituzzjonali, il-formalita` hija ridotta għall-minimu neċessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jkun qed jippresedi, li għandu jara li jiġu salvagwardati l-prinċipji kollha tal-ġustizzja proċedurali.
>
> “Il-ġudikant mhux marbut li joqgħod biss għal dak li jista’ jkun hemm miktub mir-rikorrent għal dik li hija l-indikazzjoni preċiża tal-artikoli kostituzzjonali li jiddelineaw id-drittijiet fundamentali tiegħu …
>
> “Il-flessibilita` proċedurali li għaliha għadha kif saret riferenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija liċenzjata li “… tista’ tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura ttwettiq ta’ kull waħda mid-disposizzjonijiet (dwar drittijiet fundamentali) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna”.

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni mhix sejra tirċievi favur.

**Applikabilita` tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni:**

Sewwa jeċepixxi l-Avukat tal-Istat li l-Kap 69 huwa protett mill-Art. 47(9) tal-Kostituzzjoni li teżenta mill-effetti tal-Kostituzzjoni l-ħdim ta’ kull liġi fis-seħħ qabel it-3 ta’ Marzu 1962.

Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza riċentissima Martinelli v Avukat Ġenerali[7] stabbiliet li “għalkemm il-Kap 69 kien emendat b’liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962 dawk il-liġijiet m’għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-Art. 37(9)” (recte: Art. 47(9)) “Għalhekk l-Avukat tal-Istat sewwa qal illi l-Kap 69 kif emendat, ma jintlaqax bl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni.”

B’danakollu, għalkemm il-liġi in kwistjoni tiskappa d-dominju tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni, xorta waħda taqa’ taħt l-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, introdotta permezz tal-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ma jipprovdi l-ebda eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-istess

[7] Lilian Martinelli v Avukat Generali 23.11.2020

Konvenzjoni, għajr permezz tad-Dikjarazzjoni u Riżervi li jinstabu riprodotti fit-Tieni Skeda tal-istess Kap. L-ebda waħda minnhom m'għandha x'taqsam mad-dritt tat-tgawdija tal-proprjeta` mertu ta' din il-kawża.

**Ir-raba' eċċezzjoni: kumpens jinghata biss għall-perjodu li r-rikorrenti kienu propjetarji:**

Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tar-rikorrenti kienu proprjetarja tal-fond de quo u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Sproporzjon fil-kera:**

L-intimat permezz tas-sitt eċċezzjoni tiegħu, jissottometti li r-rikorrenti kellhom rimedju disponibbli taħt il-liġi ordinarja (Art. 1531Ċ tal-Kap 16) li bis-saħħa tal-Att X tal-2009 kif emendat bl-Att V tal-2010 mill-ewwel ta' Jannar 2013 il-valur tal-kera beda jogħla. Tabilħaqq tajjeb jew ħażin dawn l-artikli jippruvaw joħolqu bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera. Il-konvenut jeċċepixxi li r-rikorrenti ma jistgħux aktar jilmentaw mill-fatt li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Dan għaliex huma tista' setgħu talbu lill-Bord li jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda.

Ċertament li jekk il-ħsieb tal-intimati kien li dawn l-ilmenti setgħu jiġu indirizzati mill-Bord li Jirregola l-Kera, dan mhuwiex korrett, partikolarment

minħabba li l-Bord għandu funzjonijiet u poteri speċifiċi fir-rigward tal-ordnijiet li jista' jagħti, speċjalment fejn is-sidien jagħmlu talba għall-awment tal-kera jew għar-ripreża tal-fond tagħhom. Inoltre f'deċiżjoni fl-**ismijiet Ian Peter Ellis et v Avukat Ġenerali et**[8], il-Qorti kienet osservat li l-Bord tal-Kera hu marbut li jiffissa l-kera skont il-liġi, liema kera hija baxxa meta komparata mal-kera fis-suq u li r-ripreża tal-fond mikri kienet remota.

**L-eċċezzjoni ta' ndħil permessibbli bħala miżura soċjali.**

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa' soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.

(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.

(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi de quo tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

**Bilanċ bejn tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku:**

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

[8] P.A. (Kost.), 27.03.2015.

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[9] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[10]

Il-lanjanza prinċipali tar-rikorrenti hi li l-ammont ta' kera li qed tirċievi mingħand l-inkwilini tammonta għal €203.15 fis-sena, liema ammont jista' jitqies li hu irriżorju meta wieħed jikkonsidra l-ammont ta' kera li l-attur potenzjalment jistgħu jirċievu li kieku dan il-fond qiegħed jinkera fis-suq ħieles tal-proprjetà.

Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti f'dan ir-rigward. Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta' massimazzjoni tal-

[9] James & Others, Amato Gauci
[10] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015

isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti qabel l-Att tas-sena 2021 imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tiegħu.

**Likwidazzjoni ta' kumpens.**

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €460,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2020 tela' minn €1,800 għal €10,800.

Huwa stabbilit li r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunita` mitlufa. Fi kliem ieħor ma tistax tillikwida l-ammont ta' kumpens billi tikkalkula d-differenza bejn il-kera fis-suq ħieles u l-kera mħallsa. Biex tasal għal dan, il-Qorti jeħtiġilha tqis għadd ta' fatturi, fosthom it-telf effettiv li jkun ġarrab is-sid, l-għan soċjali maħsub mil-liġi, il-grad ta' sproporzjon fit-tqabbil bejn id-dħul attwali li qiegħda tirċievi r-rikorrenti mad-dħul li jista' jinkiseb fis-suq ħieles, id-danni materjali li l-parti rikorrenti tista' tipprova li ġarrbet. Minn kif wieħed jista' jara, dawn il-kriterji huma firxa sħiħa li trid titqies f'kull każ għalih u jiddependu ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.[11] Minn din il-qagħda,

[11] Ara fost l-oħrajn: Cassar v Malta 30.01.2018 (App. Nru. 50570/13 Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; J&C Properties Limited v Avukat Ġenerali et P.A. (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 09.07.2019; Robert Galea v Avukat Ġenerali et P.A. (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 07.02.2017; Brian Psaila v L-Avukat Ġenerali et P.A. (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

Fid-deċiżjoni riċenti tal-Qorti Ewropea, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[12] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil; li *Se mai* dan jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju.[13]

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropea, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal tmenin elf Ewro (€80,000) li minnhom għandha titnaqqas is-somma ta' €17,000 li r-rikorrenti ġia rċevew mingħand l-inkwilin skond skrittura datata 28 ta' Marzu 2020[14] b'hiex b'hekk jibqa' s-somma ta' €63,000 li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti skond l-ishma rispettivi tagħhom.

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €1,000 li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti skond l-ishma rispettivi tagħhom.

---

[12] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA - JZM

[13] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK

[14] Dok B a fol 51

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa' l-ewwel talba fis-sens illi tiddikjara illi l-okkupazzjoni tal-kirja tal-fond 43A, Flat 5 St. Paul's Buildings, West Street, Valletta, mill-familja Perici kienet tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, minħabba tal-kera irriżorja li huma kienu jħallsu bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kera sat-terminazzjoni tal-kirja ma kinitx aktar minn €210.00ċ fis-sena u dan għall-perjodu bejn is-sena 1987 u s-sena 2020.

(3) Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dak ta' l-inkwilin, stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni matul il-perjodu msemmi.

(4) Tilqa' t-tielet u r-raba' talba u tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €63,000 li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti skond l-ishma rispettivi tagħhom bħala danni pekunjarji u s-somma ta' €1,000 li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti skond l-ishma rispettivi tagħhom bħala danni mhux pekunjarji u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali tat-8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a kariku tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA